**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 387/2016**

**QN**

**vs**

**MFSP Financial Management Ltd.**

**(C42720)**

**Seduta tal-14 ta' Gunju 2017**

**L-Arbitru,**

**Ra** l-ilment fejn fil-qosor l-ilmentatur qed jghid illi:

Huwa investa s-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) fl-*LM Managed Performance Fund (LMMPF),* f'April 2011, ghal tlett snin b'imghax ta' 8%. Dan sar wara li impjegat tal-*MFSP,* Ian Schembri, kien cempel lil ibnu ghal *meeting* biex ibieghlu prodott ta' *insurance.* Matul dan il-*meeting*, mart l-ilmentatur staqsietu jekk kienx hemm il-possibilità li jinvestu f'xi prodotti taghhom.

Illi l-istess Ian Schembri urihom il-prodott *de quo* u qalilhom li ghal aktar informazzjoni kellhom imorru ghand l-*MFSP.*

Meta marru, l-impjegata, Lorraine Falzon, tathom informazzjoni dwar l-*LM Managed Performance Fund* u prodotti ohra, kollha tal-istess kumpanija u, cioé, *LM Investment Management Ltd. (LMIM).*

Matul dak il-*meeting* staqsiethom il-valur tal-proprjetà li kellhom u huma tawha stima indikattiva ta' dan.

L-istess Lorraine Falzon qaltilhom li *LMIM*, matul 9 snin, kienet dejjem onorat l-obbligazzjonijiet taghha lejn il-klijenti. Qaltilhom ukoll li l-ekonomija Awstraljana, fejn kien registrat il-fond, kienet sejra tajjeb u, ghalhekk, l-ilmentatur hassu inkoraggit u ffirma l-kuntratt biex jinvesti fl-investiment *de quo.*

Fit-28 ta' Marzu 2013, wara li kienu ircevew erba' pagamenti tal-imghax, ircevew ittra mill-provditur tas-servizz li kienu gew appuntati amministraturi ghall-fond. (Annex 4 a fol 37).

Meta marru ghand il-provditur tas-servizz biex jaraw x'gara, Lorraine Falzon, qaltilhom li l-fond kien iffrizat u ma kienux ser jircievu imghaxijiet ghalissa.

Skoprew wahedhom li, mhux biss li l-fond li nvestew fih kien fl-inkwiet, imma anke l-kumpanija li hargitu, *LMIM*, kellha inkwiet finanzjarju.

Dan kien ta' dizappunt ghaliex huma kienu fdaw lill-provditur tas-servizz bit-tifdil li kienu ghamlu f'hajjithom u l-provditur kien gieghlhom jinvestu f'kumpanija li digà kellha l-inkwiet.

Saru jafu, minn ricerka li ghamlu wara l-investiment, li l-kumpanija kien digà kellha zewg fondi iffrizati u fl-2009, (qabel ma nvestew huma fl-2011), klijenti tal-istess kumpanija kellhom jistennew sabiex jiehdu flushom lura.

Minn aktar ricerka saru jafu li ghall-klijenti barra l-Awstralja kien hemm protezzjoni anqas.

F'April 2016, kitbu bl-avukat lill-provditur tas-servizz sabiex jinghataw flushom lura .

Illi kieku kienu jafu li l-kumpanija *MFSP* kellha problemi finanzjarji fl-2009, ma kienux jinvestu fiha.

Illi, barra minnhekk, huma ma gewx infurmati b'mod adekwat mill-provditur tas-servizz ghaliex, filwaqt li l-kumpanija *KordaMentha* sa Mejju 2016 kienet harget 16-il *update,* il-provditur tas-servizz kien baghtilhom biss erbgha.

Huma lanqas kienu jafu li fl-Awstralja il-fond li nvestew fih ma kienx registrat.

Illi l-ilmentatur qed jitlob li jinghata lura s-somma investita ta' €10,000 u l-imghax skont ir-rata mwieghda lilhom mis-sena 2013 'il quddiem.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li biha jghid:**

1. Illi preliminarjament, billi Dottoressa Anna Mallia, li hija membru tal-Bord tal-Immaniggjar u l-Amministrazzjoni imwaqqaf taht Artikolu 3 tal-Att dwar l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (Kapitolu 555 tal-Ligijiet ta' Malta), kienet ippatrocinat lil QN proprju fuq il-mertu ta' dan l-Ilment fil-konfront tas-Socjetà Esponenti bhala avukatessa qabel ma tressaq dan l-Ilment, hija ma ghandhiex tifforma parti mill-istess Bord meta dan jigi biex jezercita l-funzjonijiet tieghu taht l-Artikoli 8(1)(c) u 11(1)(a) tal-istess Att fir-rigward tal-Ilment;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-azzjoni mehuda permezz tal-Ilment waqghet bi preskrizzjoni skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, QN mhux jibbaza l-Ilment fuq l-inidonjetà tieghu biex jissottoskrivi ghall-investiment mertu ta' dan il-kaz. Is-Socjetà Esponenti taqbel li dan kien idoneju tant li huwa accetta u ffirma d-dikjarazzjoni appozita li huwa investitur ta' esperjenza (Dokument 1). Bil-konkorrenza ta' martu, ried investiment li jirrendi bejn sebgha u tmienja fil-mija. Wara li hu u martu gew debitament informati b'diversi strumenti ta' investiment li ma kienux ta' kapital garantit u kemm id-dhul kif ukoll il-kapital f'tali investimenti jistghu jvarjaw, u wara li ghalhekk hu u martu gew avzati bir-riskju inerenti f'investiment bhal dan u l-istrutturi ta' remunerazzjoni (Dokument 2), huwa (bl-adezjoni ta' martu) ghazel li jinvesti fil-fond li fuqu issa qieghed iressaq l-Ilment;

4. Illi huwa dejjem dispjacir meta investiment jinzel fil-valur, wisq izjed meta jmur hazin bhal ma gara f'dan il-kaz. Izda b'daqshekk ma jfissirx li l-intermedjarju ghandu xi htija jew b'xi mod ghandu jaghmel tajjeb ghal kwalunkwe telf (izda ovvjament ma jgawdix minn zidiet fil-valur) kif jidher li qieghed jipprova jaghmel is-Sur QN b'dan l-Ilment. Dan l-agir

jippresupponi garanzija fil-forma ta' dak li jissejjah *moral hazard* inkombenti fuq l-intermedjarju favur l-investitur li la ma huwa gust u lanqas me jezisti fil-ligi. Huwa evidenti li QN, li kien hu stess li talab dan l-investiment, li minghajr dubbju jaf ukoll li bl-esperjenza li ghandu ta' investimenti tal-istess tip (u dan kif, fost affarijiet ohra, huwa ampjament evidenti mid-dikjarazzjonijiet bil-miktub iffirmati minnu stess), u l-informazzjoni u spjegazzjonijiet li nghatawlu meta gie biex jinvesti (ghal darb'ohra evidenzjali bil-firma tas-Sur QN), jaf li ma ghandux rimedju ovvju kontra s-Socjetà Esponenti. Ghalhekk, jidher li qieghed jibbaza l-Ilment tieghu fuq l-allegazzjoni li s-Socjetà Esponenti hajret lilu (u lil martu) biex jinvestu f'kumpanija li kienet ilha ghaddejja minn diffikultajiet minn qabel l-2011 (u cioè minn qabel ma effettivament huwa issottoskriva ghall-investiment li issa qieghed jilmenta dwaru) tant li z-zmien li kien qieghed jghaddi biex min feda investimenti jiehu flusu kien qieghed jibda jitwal. Dan mhux minnu u l-pozizzjoni tas-Socjetà Esponenti dwar din l-allegazzjoni hija s-segwenti:

i. Din l-allegazzjoni hija bbazata fuq pubblikazzjonijiet **WARA** c-cirkolari tal-24 ta' Marzu 2013, lill-investituri mahruga minn *FTI Consulting* li kienu appuntati amministraturi tal-istess kumpanija (Dokument 3) u ghalhekk kienu spekulazzjonijiet maghmula bl-ghaqal miksub b'lura jew kif jghidu bl-Ingliz "*with the benefit of hindsight*" u bit-Taljan "*col senno del poi*";

ii. Kemm qabel kif ukoll wara li sar l-investiment lanjat u cioè bejn Gunju 2010 sa Novembru 2011, kien hemm diversi investituri li nvestew tramite s-Socjetà Esponenti li hadu flushom lura minghajr problemi wara li mmatura l-investiment taghhom. Tant hu hekk li direttur tas-Socjetà Esponenti stess investa EUR7,000 fl-*LM Managed Performance Fund* fis-17 ta' Dicembru 2011, u dan l-investiment jinsab fl-istess sitwazzjoni li jinsab l-investiment ta' QN mertu tal-Ilment; u

iii. Kien biss fi Frar tal-2012, li s-Socjetà Esponenti bdiet tesperjenza xi dewmien u minkejja l-ispjegazzjonijiet u l-assikurazzjonijiet mill-

kumpanija *LM Investment Management Limited* (Dokument 4), minn dak iz-zmien is-Socjetà Esponenti ma baqghetx tinforma lill-klijenti taghha bl-istrumenti ta' investiment mahruga mill-istess kumpanija;

5. Illi ghalhekk, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Ilment huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud bl-ispejjez ghaliex:

    i. F'kull waqt, is-Socjetà Esponenti agixxiet kif rikjest u mistenni minnha mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-ligi, kif jista', jekk ikun hemm il-htiega, jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz;

    ii. Kwalunkwe telf li garrab l-investiment mertu tal-Ilment, kien rizultat ta' *Credit Risk* inerenti fl-istess investiment kif ukoll ta' allegat agir frawdulenti ta' terzi. Huwa ampjament evidenti li fil-hin meta ntalab l-investiment u skont l-informazzjoni li kellha u li setghet kellha s-Socjetà Esponenti f'idejha dak iz-zmien l-investiment kien perfettament idoneju ghall-investitur li ried specifikament dak l-investiment bl-adezjoni ta' martu; u

    iii. Ma tezisti u lanqas ma nghatat, kif ma setghetx tinghata, ebda garanzija awtomatika li investiment bhal dak jirrendi dak li kien minnu mistenni kif ukoll jithallas lura l-kapital wara li jimmatura ghaliex l-investiment hu dak li hu u l-investitur ma jistax jibdel il-karatteristici tieghu;

6. Illi fl-ahhar nett qieghed jigi sottomess li ma hemmx rimedju ghall-Ilment kif imressaq billi dan mhux gustifikat.

**Ra d-dokumentiipprezentati mill-partijiet inkluzi l-affidavits taghhom;**

**Sema' x-xhieda;**

**Ra l-atti l-ohra tal-kaz;**

**Jikkonsidra:**

Il-provditur tas-servizz ta eccezzjoni preliminari ghar-rikuza ta' Dr Anna Mallia mill-Bord tal-Amministrazzjoni u Immaniggjar. Dwar din l-eccezzjoni intbaghtet decizjoni mill-Arbitru (a fol 105).

**Eccezzjoni tal-preskrizzjoni:**

Il-provditur tas-servizz qed jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili minghajr ma jghid ghalfejn qed jaghti din l-eccezzjoni.

Min jallega l-preskrizzjoni jrid jippruvaha:

Kif inghad fis-sentenza moghtija fl-ismijiet *Stencil Pave (Malta) Limited* vs Dr Maria Deguara noe,[1]

*'Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq.'*

Minn dan il-provditur m'ghamel xejn. Barra minnhekk, Artikolu 2137 tal-Kap. 16 jipprovdi li:

*'Bla hsara ta' disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda* ***minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata;*** *minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.'*

L-ilmentatur seta' jezercita biss l-azzjoni mid-data ta' meta gie infurmat mill-provditur tas-servizz li l-investiment tieghu kien fl-inkwiet u, cioé, mit-28 ta' Marzu 2013, u l-ilmentatur ipprezenta l-kaz quddiem l-Arbitru fis-26 t'Awwissu 2016, u ghalhekk m'ghaddewx il-hames snin kif jistipula l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta 'Ottubru 2003

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru qed jichad it-talba tal-preskrizzjoni.

**Il-Qafas Legali**

Meta l-legizlatur ghadda l-Att XVI tal-2016 (Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta) u waqqaf l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji, fl-istess Att stabbilixxa l-parametri legali kif ghandu jiddeciedi kazi li jkollu quddiemu. Fl-Artikolu 19(b)(c), il-legizlatur ried li l-Arbitru '***jiddeciedi u jaghti gudizzju fuq ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, ikun gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkustanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.'***

Irid ukoll iqis ***'l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi'*** u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment.

L-Arbitru mhuwiex marbut u limitat mar-regoli stretti tal-kuntratti kif kontemplati fil-Kodici Civili, haga li l-legizlatur ilu li ddipartixxa minnha mal-introduzzjoni ta' legizlazzjoni kemm bl-introduzzjoni tal-Kapitlu 378 (L-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur), kif ukoll b'legizlazzjoni specjali ohra bhal *Investment Services Act,* li tahtha hargu diversi regoli mill-*Malta Financial Services Authority (MFSA).*

Imma forsi fejn qabel dawn ir-regoli kellhom enfasi fuq l-aspett regolatorju u ma kienux jaghtu rimedju dirett lill-investitur, issa l-legizlatur ta l-fakultà lill-Arbitru li biex jasal ghall-gudizzju tieghu jutilizza dawn l-istrumenti legizlattivi.

Fil-fatt il-legizlatur jiggwida lill-Arbitru biex:

*'jikkunsidra u jiehu kont, b'dak il-mod u sakemm huwa jidhirlu xieraq, ta':*

- *ligijiet applikabbli u relevanti*
- *regoli u regolamenti, b'mod partikolari dawk li jirregolaw l-imgieba ta' provditur ta' servizz, inkluz linji gwida mahruga mill-awtoritajiet super-vizorji nazzjonali u tal-Unjoni Ewropea,*
- *il-prassi segwita f'oqsma finanzjarji*

- *u l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi u dan b'referenza ghaz-zmien meta jkun allegat li jkunu sehhew il-fatti li jkunu taw lok ghall-ilment';*[2]

Il-Qrati taghna ukoll ilhom jinnutaw li fejn tidhol relazzjoni bejn konsumatur u kummercjant, il-kuntest guridiku inbidel u l-kuntratt ta' bejgh ta' prodott jew ghoti ta' servizz huwa regolat minn normi godda li taw definizzjoni gdida kif ukoll illimitaw il-principju tal-*pacta sunt servanda.* Fejn ikun jirrizulta li ntuzaw *standard form contracts* u ntuzaw termini ingusti, il-kuntratt jiehu dimensjonijiet godda u dan ghaliex ukoll ir-rapport negozjali jkun wiehed zbilancjat li ma jirriflettix dik il-libertà shiha li suppost ikollhom il-kontraenti meta kienu qed jiftiehmu t-termini tal-kuntratt.

Fil-kaz in ezami, l-investiment sar f'April 2011, meta kienu digà japplikaw ir-regoli tal-*MiFID*[3] u l-*Investment Services Rules - Standard Licence Conditions* (fil-qosor *ISR-SLC*) mahruga mill-*MFSA* li effettivament gabu fis-sehh ir-Regoli tal-*MiFID.*

Ir-regola fundamentali li fuqha jistriehu r-regoli l-ohra tal-*MiFID* hija dik li hemm imnizzla f'Artikolu 19 (1) tal-istess Direttiva, jigifieri:

***'…. when providing investment services and/or where appropriate ancillary services to clients, an investment firm shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients ….'***

Dan il-principju kardinali gie anke inkorporat fl-*ISR-STC* tal-*MFSA* fejn, f'regola 2.01, hemm imnizzel:

***'When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients and shall comply with the relevant provisions of the Act, the Regulations issued thereunder, these Rules as well as with other relevant legal and regulatory requirements ….'***

Dawn il-principji huma assodati kemm fil-*MiFID* u kemm fl-*ISR-SLC,* fost ohrajn, billi meta jinghata servizz ta' parir (*advisory service*) jew *portfolio management*

---

[2] Kap. 555, Art 19(3)(c)

[3] Din hija d-Direttiva tal Unjoni Ewropea maghrufa bhala *Markets in Financial Services Directive* (fil-qosor *MiFID*)

irid isir dak li jissejjah *suitability test* u meta jkun servizz ta' *promote and sell* irid isir l-*appropriateness test.* Dawn it-*tests* iridu jsiru mill-provditur tas-servizz biex jigi assigurat li l-klijent jinghatawlu prodotti li jkunu jilhqu l-aspirazzjonijiet tieghu, fosthom l-element tar-riskju, u anke l-aspettattivi tieghu meta jkun qed jinvesti f'dak il-prodott.

Irid jigi nnutat ukoll li l-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta meta jiddefinixxi 'diligenza professjonali' jghid li:

*'"diligenza professjonali" tfisser l-istandard ta' sengha u kura li kummercjant huwa ragonevolment mistenni li jezercita fir-rigward ta' konsumaturi, proporzjonat ma' prattika onesta fis-suq u, jew* ***mal-principju generali tal-bona fede*** *fil-qasam ta' attività tal-kummercjant.'*[4]

Hawn il-legizlatur kien qed jikkristallizza principji generali tad-dritt li kienu stabbiliti snin qabel u li jiggancjaw il-ligi specjali ma' principji generali tad-dritt izda enuncjati b'mod aktar enfatiku.

**Fil-Mertu**

L-ilmentatur qed jitlob li jigi rifuz lilu s-somma ta' €10,000 li hu investa fl-*LM Managed Performance Fund (LMMPF)* ghaliex ma kienx inghata informazzjoni adekwata fuq il-prodott, ma sarx *due diligence* tajjeb fuq il-prodott u l-kumpanija li hargitu kienet taf li mill-2009 kellha l-problemi, kif ukoll ghaliex ma kienux jafu li l-prodott ma kienx registrat fl-Awstralja u ghalhekk il-prodott qatt ma kellu jinbiegh lilhom.

Sabiex l-Arbitru jkun jista' jaghti gudizzju fuq ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, ikun gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz, irid jara kemm il-profil tal-ilmentatur, kif inbiegh il-prodott u wkoll in-natura tal-prodott li nbieghlu u jekk kienx addattat ghac-cirkostanzi tieghu u jilhaqx l-aspettattivi tieghu.

[4] Kap. 378, Art. 51A

**Il-Prodott *LM Managed Performance Fund* (fil-qosor *LMMPF*)**

Skont il-*Purchase Contract Note*[5] l-ilmentatur akkwista l-investiment tieghu fid-19 t'April 2011. Sa dakinhar, l-*LMMPF* kien hareg diversi dokumenti u *updates* dwar l-andament tal-investiment.

Taht il-ligi tal-korporazzjonijiet Awstraljana, skema ta' investiment imhaddma li principalment thaddan fiha kapital minn ghejjuni internazzjonali mhux mitlub minnha li tkun registrata. Infatti, l-*LM Managed Performance Fund* ma kienx registrat mar-regolatur Awstraljan (*Australian Securities & Investment Commission*) u, allura, il-fond ma kellux l-istess obbligu ta' *disclosure* u rapportagg bhal fondi ohra.[6]

Il- fond huwa sospiz u fi Frar 2014[7] hargu ordnijiet biex il-fond jigi likwidat.

L-*LMMPF* huwa fond stabillit fl-2001, li kien operat minn *Manager,* irregolat l-Awstralja, izda l-fond ma kienx regolat.

Skont *Summary Flyer* mahrug f'Lulju 2008[8], il-fond huwa deskritt bhala wiehed ta' rendiment ta' introjtu gholi u b'rekord tajjeb ta' ghoti ta' introjtu attraenti lill-investituri b'zero volatilità fil-prezz tal-*units*. Il-fond jimmira li jaghti introjtu kontinwu, stabbli u jipprovdi investment bi prezz stabbli. Il-fond kellu jinvesti f'self kummercjali, direttament fi proprjetà, fond iehor ta' *LMIM,* u flus kontanti.

Dwar l-aspett ta' fejn kellu jinvesti l-*LM Managed Performance Fund*, wiehed irid jirreferi ghall-*Information Memorandum and Application* li kien dokument li jaghti deskrizzjoni amplifikata tal-karatteristici tal-fond, kif u fejn seta' jinvesti, kif ukoll min seta' jinvesti f'dan il-fond[9].

[5] A fol 16

[6] Per ezempju, bhal dawk li kienu imhaddma minn *LMIM,* cioé, *LM Investment Management Limited*, il-*Fund Manager* ta' *LM Managed Performance Fund*

[7] http://www.asic.gov.au/about-asic/media-centre/key-matters/lm-investment-management-limited/

[8] http://oysterbayfundsdirect.com/documents/1302399878_LM%20mpf%20summary.pdf

[9] L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ghandu zewg verzonijiet ta' dan l-*Information Memorandum and Application*. Wiehed huwa datat 25 ta' Novembru 2009 (https://promo-manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf) u l-iehor datat 1 ta' Novembru 2011 (http://therapeofhongkong.com/wp-content/uploads/2015/01/LM-MPF-Information-Memorandum-1-Nov-2011.pdf). Dawn iz-zewg dokumenti jidhru li *hosted* fuq *servers* tal-*internet* li ma jippartjenux ghal-*LMIM*. Is-sit ufficcjali ta' *LMIM* m'ghadhiex aktar tezisti. Mil-lat ta' kontenut, iz-zewg dokumenti jixtiebhu ferm. Fejn jirrigwarda min jista' jinvesti fil-fond, il-karatteristici baqghu l-istess.

L-oggettiv ta' dan il-fond kien li jippartecipa b'mod attiv f'pozizzjonijiet simili bhala propjetarju f'assi Awstraljani ta' proprjetà immobbli. Il-fond seta' juza strutturi ta' self ghall-assi tieghu. Il-fond seta' jinvesti f'self kummercjali[10] ghal xiri jew zviluppar ta' proprjetà fis-settur immobbiljari Awstraljan, direttament go proprjetà immobbli u flus kontanti fost ohrajn. L-assi tal-*fund* kienu fl-Awstralja stess.[11]

Il-*Manager* tal-fond kellu *mandate* ta' investiment wiesa' u bla ebda restrizzjonijiet, u seta' jiehu pozizzjonijiet jew jaghmel tranzazzjonijiet ma' partijiet relatati.

It-taqsima li titkellem dwar ir-riskju fl-*Information Memorandum* kienet tindika li l-investituri ghandhom ikunu konxji ta' numru sinjifikanti ta' riskji assocjati ma' investimenti ta' din in-natura li ghandhom mandat ta' investiment divers. Jghid, fost affarijiet ohra li, investitur li jfittex livell ta' certezza u kontroll fuq kif l-assi huma investiti, m'ghandux jinvesti fil-fond. Hemm imsemmi wkoll ir-riskju li l-*Manager* jista' jippartecipa f'investimenti inqas konvenzjonali jekk tinqala' l-opportunità. Hemm riskji ohra: li l-kapital mhux garantit u varjazzjoni tal-valur kif wkoll riskji assocjati mas-suq ta' proprjetà immobbli, u self mahrug mill-fond.

Fir-rigward ta' min seta' jinvesti fil-fond, is-*Summary Flyer* jghid hekk:

'***Australian resident investors must provide required certification of wholesale/sophisticated investor status, as detailed within the current Information Memorandum. Investors who do not reside in Australia <u>do not have to certify as a wholesale/sophisticated investor</u>.***'

Kif mistenni, l-*Information Memorandum* jamplifika dak li jghid is-*Summary Flyer.* Mil-lat geografiku, kemm investituri fl-Awstralja kif ukoll investituri minn barra l-Awstralja, setghu jinvestu fil-fond. Però, bhala kategorija ta' investituri, l-investituri fl-Awstralja kellhom ikunu '*wholesale*' jew '*sophisticated'.* Din il-

---

[10] Fuq is-self kummercjali tal-fond, li kien jikkostitwixxi l-maggoranza assoluta tal-investimenti tal-fond, hemm miktub li s-self kummercjali jinkludi firxa ta' "*secured commercial loans*" li huma disponibbli ghas-settur kummercjali ta' proprjetà u zvilupp Awstraljan. Jinkludi dikjarazzjoni wkoll li l-portafoll ta' self jinkludi "*mortgages, including second ranking mortgages over commercial, residential, retail, industrial and vacant land*".

[11] **Kemm fl-INFORMATION MEMORANDUM tas-sena 2009 u dak tas-sena 2011, tinghata indikazzjoni tal-komposizzjoni tal-assi tal-fond. Ftit aktar minn 90% tal-assi tal-fond kien f'self kummercjali. L-akbar *loan* kien tikkostitwixxi ftit aktar minn 40% tal-fond.**

klassifikazzjoni ma tidhirx li kienet obbligatorja ghall-investituri li gejjin minn barra l-Awstralja peress li l-*Information Memorandum* jaghmel referenza specifika ghal *'wholesale'* u '*sophisticated investors'* f'kaz ta' '*Australian resident investors'* biss. Dan il-punt huwa msahhah izjed meta wiehed jikkonsidra l-i*statement* car maghmul f'dan ir-rigward fis-*Summary Flyer.*

Sa mis-sena 2009, dan il-prodott beda jkollu l-inkwiet. Tant li fil-verzjoni tal-*Information Memorandum* ta' Novembru 2009, taht it-Taqsima *"Withdrawal Notice Period"* (pg.11) jintqal kif gej:

'***To protect all fund investments, payment of withdrawals is currently slowed and is being managed over longer timeframes, as determined necessary by the Manager.'***

Fil-*Portfolio Update* ta' Marzu 2011, jintuza l-istess kliem li kien jindika li l-likwidità tal-fond ma tjiebitx u allura talbiet ghal *withdrawals* kienu qed idumu.

Fil-fatt, fl-*Update* ta' Marzu 2011, **jigifieri qabel ma nbiegh il-prodott lill-ilmentatur,** imqabbel mal-*Portfolio Update* tal-31 ta' Lulju 2010, kien hemm aggornamenti interessanti fir-rigward tal-andament tal-portafoll ta' assi tal-fond, kif ukoll anke il-*withdrawal timeframes*.

Kwazi sena wara mill-*Portfolio Update* tal-31 ta' Lulju 2010, dan id-dokument jghid li minhabba l-krizi finanzjarja dinjija, is-swieq ta' self kienu iebsa hafna u dan halla impatt fuq l-aspettattivi ta' dhul li kien mistenni jigi ggenerat minn uhud mill-proprjetajiet tal-fond.

Issemma li 9.75% tal-assi tal-fond kienu '*in default'* u li l-*Manager* ha l-kontroll hu ta' dawn l-assi. **Dan kien qed jintqal kollu qabel ma l-provditur biegh l-investiment lill-ilmentatur.**

L-assi tal-fund kienu mqassmin hekk: f'Marzu 2011 - 94.33% f'self kummercjali, 1.81% direttament fi proprjetà u 3.86% f'kontanti.

Infatti, l-immaniggjar tal-assi tal-fond kien spjegat ftit aktar fid-dettal f'dan il-*Portfolio Update.* Taht it-titlu '*Managing Fund Assets'* id-dokument jispjega li minn zmien ghal zmien, jista' jkun il-kaz li jigu sospizi pagamenti ghal gbid mill-fond skont il-*cash flow* disponibbli. Dan isir biex jigu protetti l-assi u l-valur tal-fond *as per the Information Memorandum*. Jghid dan ukoll:

‘*To protect all fund investments, the payment of withdrawals is currently being managed outside of the usual specified timeframes.’*

Dan allura jindika b’mod izjed car li, f’Marzu 2011, il-fond kellu problemi ta’ *cash flow* u allura kien qed jippostponi talbiet ghal gbid mill-investiment. Irid jinghad ukoll, biex l-istampa tkun kompluta, li l-paragrafu jkompli b’dan:

‘*Market liquidity conditions are improving and payment timeframes will return to normal as soon as possible.’*

Dan l-istess *statement* però, kien imwieghed fl-*Update* tal-31 ta’ Lulju 2010, u allura, l-problema tal-likwidità ma kienetx giet rizolta.

Fi ftit kliem, meta nbiegh il-prodott lill-ilmentatur f’April 2011, dan l-investiment kien digà kellu problemi serji ta’ likwidità.

Mistoqsija waqt il-kontro-ezami jekk kienetx taf li dan il-prodott kellu problemi, anke mis-sena 2009, Lorraine Falzon, li kienet bieghet il-prodott lill-ilmentatur xehdet hekk:

‘*Jien nghid li kont naghmel due diligence perjodikament fuq dan il-prodott. Qed jigi suggerit lili li fl-2009 dan il-prodott kien digà kellu xi problemi, jien nghid li le, ma kontx naf li kellu problemi fl-2009.’*[12]

Minn dak li ser jinghad jidher li l-provditur tas-servizz m’ghamilx *due diligence* serja tal-prodott li nbiegh lil *retail investor* bhall-ilmentatur, li zgur ma kellux dik l-esperjenza fl-investimenti biex jifhem il-kumplessità ta’ dan il-prodott.

Wiehed irid dejjem joqghod attent meta jiddiskuti u janalizza prodott wara li jkun falla. Dan ghaliex huwa facli li tghid l-affarijiet *with the benefit of hindsight*. L-*LMMPF* kien fond ta’ proprjetà fejn kien juza strutturi ta’ *loans*. Anke jekk wiehed, ghal mument, jinsa fejn kien intenzjonat jinvesti dan il-fond (fl-Awstralja) u l-istruttura legali ta’ kif twaqqaf (fond mhux registrat fl-Awstralja), jibqa’ dejjem il-fatt li kien *property loan fund*. Hemm diversi riskji li generalment huma assocjati ma’ fondi bhal dawn. Anke jekk wiehed ma joqghodx jidhol fid-dettal tar-riskji kollha assocjati ma’ dawn it-tipi ta’ fondi, ir-riskju ta’ likwidità huwa hafna drabi aspett prevalenti hafna. Dan l-aspett kien digà fid-deher f’Novembru 2009, fejn fl-*Information Memorandum* kien digà qed jissemma li:

[12] A fol 382

'*To protect all fund investments, payment of withdrawals is currently slowed and is being managed over longer timeframes, as determined necessary by the Manager*.'

Ir-riskju ta' likwidità ma kienx misthajjel jew ezercizzju akkademiku imma reali ghal dan il-fond.

Aspett bhal dan ma kellu qatt jigi skartat jew ma jinghatax prijorità fl-assessjar tal-prodott.

Hemm ukoll l-aspett li l-fond kien espost b'mod konsiderevoli ghal investimenti partikolari peress li hemm referenza li l-ikbar *loan* kummercjali li kellhu l-fond kienet wahidha tikkostitwixxi 42% tal-fond f'Ottubru 2009 u 52% ta' l-assi tal-fond f'Settembru 2011. Ghalhekk jidher li kien hemm nuqqas ta' diversifikazzjoni fejn l-andament tal-fond kien partikolarment espost ghal din il-*loan* li kellu l-fond.

Wiehed jistenna li l-provditur tas-servizz ghandu jkun dahal f'izjed approfondiment ta' lanqas ta' dawn il-fatturi fl-assessjar tal-prodott biex ikun jista' jaghmel analizi ahjar u kompluta fuq il-prodott li ha jbiegh jew jirrakkomanda lill-investitur.

Il-fatt li, fir-rigward ghall-investituri Awstraljani, kien hemm obbligi u certifikazzjoni ta' eligibilità oneruza, huwa wkoll minnu nnifsu indikazzjoni li dan kien fond partikolari, meta wiehed ukoll jikkonsidra li dan kien fond ibbazat l-Awstralja, immanigjat minn entità bbazata fl-Awstralja u li ma kienx regolat mill-Awtorità Finanzjarja ta' l-Awstralja, l-*ASIC.*

Fir-rigward ta' investituri Awstraljani il-kriterji ta' eligibilità oneruzi li gew applikati kienu, tista' tghid, mizura ta' protezzjoni ghal investituri Awstraljani (li tidher li tohrog mill-qafas legali Awstraljan innifsu), fejn mhux kull tip ta' investitur seta' jinvesti, izda dawk biss li kienu jissodisfaw dawk il-kriterji oneruzi. Kriterji, li skont l-*Information Memorandum* u *l-brochures* imsemmija hawn fuq, ma kienux rikjesti fir-rigward ta' investituri barra l-Awstralja, fejn il-fond sar prattikament accessibbli ghal firxa hafna izjed wiesgha ta' investituri.

Dan kellu jghabbi b'aktar responsabbiltà lill-provdituri tas-servizz lokali u mhux joqghodu fuq accertazzjonijiet ta' min kellu interess li jbiegh il-prodott barra mill-Awstralja.

Il-fond kien wiehed uniku, mhux maqsum fi tnejn: parti ghall-investituri Awstraljani, u iehor ghal investituri barra l-Awstralja. L-istess fond kien offrut lil kulhadd izda b'distinzjonijiet differenti ta' min hu eligibbli li jinvesti skont jekk l-investituri humiex Awstraljani jew le.

Mela jekk ghall-investituri Awstraljani l-obbligi kienu oneruzi, wiehed ragonevolment jistenna li l-provditur tas-servizz lokali kellu jiehu dan il-fattur partikolari izjed in konsiderazzjoni. Fl-analizi tieghu dwar il-prodott u lil min kellu joffrih, kellu jzomm quddiem ghajnejh il-kriterji ta' eligibilità gholja ghal investituri gewwa l-Awstralja, biex investitur barra l-Awstralja, jigi ittrattat kemm jista' jkun b'mod ekwu u offrut l-istess jew livell simili ta' protezzjoni applikat fir-rigward ta' investituri Awstraljani.

**Kif kellu jinbiegh taht ir-regoli tal-*MiFID***

L-*LMMPF* huwa tat-tip *non-UCITS*. Skont ir-regoli tal-*MiFID,* (kif anki riflessi fir-Regoli mahruga mill-*MFSA,* PART B tal-*Investment Services Rules for Investment Services Providers*), biex prodott jigi kkunsidrat bhala mhux ta' natura kumplessa (u allura il-provditur seta' jbiegh il-prodott minghajr ma jitlob informazzjoni minghand il-klijent fir-rigward ta' *KNOWLEDGE AND EXPERIENCE),* kellu jilhaq erba' principji f'daqqa.

Wiehed minn dawn il-principji huwa dan:

'*There are frequent opportunities to dispose of, redeem, or otherwise realise that instrument at prices that are publicly available to market participants and that are either market prices or prices made available, or validated, by valuation systems independent of the issuer*.'

Fuq dan il-kriterju biss wiehed jasal biex jghid li *units* fl-*LMMPF* ma kienux jilhqu dan il-kriterju tal-*MiFID.* Dan għaliex l-investiment fil-*LMMPF* kellu jinzamm ghat-tul kollu tal-*Investment Term*. Ghal investituri personali, il-fond kien joffri tliet *Investment Terms* – ta' sena, ta' sentejn u ta' tliet snin (ara pagni 8 u 9 tal-*Information Memorandum*, fol. 281 u 282). Il-*Manager* kellu diskrezzjoni li jaccetta applikazzjonijiet ta' tisrif qabel ma jaghlaq it-terminu imma kien hemm hlas ta' multa ghal dan. Apparti dan, anke jekk wiehed ried johrog mill-fond mat-

terminu, kellu japplika mill-anqas 90 jum qabel id-data tal-maturità tal-fond. Apparti dan kollu, il-valur tal-fond kien stabbilit mill-*Manager* tal-fond biss.

Abbazi ta' dan, il-fond ghandu jigi meqjus bhala INVESTIMENT KUMPLESS (*Complex Instrument*).

Li l-prodott kien kumpless hemm ukoll qbil bejn il-partijiet[13].

Ghalhekk il-provditur kellu bilfors jikkompila dak li jissejjah *Appropriateness Test,* sensiela ta' mistoqsijiet biex jigi zgurat li l-investitur kellu t-taghrif u l-esperjenza necessarja sabiex jifhem in-natura tal-prodott u r-riskji li kien hemm marbutin mieghu.

Il-provditur jghid li biegh dan il-prodott a bazi tas-servizz *promote and sell*, li jfisser li ma nbieghx fuq parir. Hekk tghid Lorraine Falzon in kontro-ezami, però l-Arbitru jinnota certa inkonsistenza fix-xhieda taghha, ghax f'mument iehor, tghid li qaghdet tispjegalu x'inhi *first hypotech* u *second hypotech.*

'*Nichad li tajt xi parir jew issuggerejt xi haga dakinhar tal-investiment. Nghid li l-klijent fehmtu x'inhu first hypothec u second hypotech. Jien spjegajtilhom xi tfisser li jkun hemm l-ewwel u t-tieni ipoteka. U jien spjegajt ukoll ir-riskji relatati maghhom.'*[14]

L-Arbitru mhux konvint li l-provditur kellu jbiegh dan il-prodott a bazi ta' *promote and sell* meta wiehed iqis il-livell ta' edukazzjoni u t-taghrif limitat li kellu l-ilmentatur dwar l-investimenti; imma anke jekk, ghall-argument biss, dan kien il-kaz, xorta wahda l-provditur ried jaghmel l-*Appropriateness Test.*

Skont l-*Investment Services Rules-Standard Licence Conditions (ISR-SLC)* li kienu digà in vigore dak iz-zmien, l-essenzjal tal-*Appropriateness Test* huwa li jigi zgurat li min kien ser jinvesti ikollu:

'*the necessary* ***experience and knowledge*** *in order to understand the risks involved* in relation to the product *or Investment Service offered or demanded.'*[15]

---

[13] A fol 382  In kontro-ezami Lorraine Falzon tghid li taqbel li l-prodott kien kumpless

[14] A fol. 381

[15] *ISR-SLC* 2.21

L-istess regoli jghidu li apparti li wiehed irid jara n-natura tal-prodotti li jkun investa fihom u l-frekwenza taghhom, il-provditur irid jaghti kaz ukoll il-livell ta' edukazzjoni u l-professjoni li jkollu l-klijent.[16]

**Il-Profil tal-Klijent**

L-ilmentatur twieled fl-195X, u wara li spicca l-iskola primarja taz-Zejtun, dahal l-Istitut Tekniku ta' Rahal Gdid u dam hemm sakemm ghalaq hmistax-il sena. Jaf jaqra bil-Malti izda l-Ingliz tieghu huwa batut u jifhem ftit li xejn.

Meta spicca mill-iskola, kien *machine operator* il-fabbrika tal-*XXX* sakemm kellu 20 sena. Kien fil-Korp tal-Pijunieri u wara hadem it-Tarzna bhala *XXX XXX* u lahaq *XXXX.* Spicca mit-Tarzna fl-20XX, minhabba *redundancy scheme* u kellu 5X sena. Kien jirregistra u fl-20XX, minhabba ragunijiet ta' sahha, ghadda Bord u beda jiehu l-beneficcju tal-invalidità sakemm fl-20XX, ha l-pensjoni tas-Sigurtà Socjali.

L-Arbitru huwa tal-fehma li persuna bhall-ilmentatur ma setax jifhem il-kumplessità u r-riskji tal-prodott li nbiegh lilu ghaliex, kif gie spjegat fit-tul fl-analizi dwar il-prodott, kien prodott li trid tkun tifhem fl-investimenti biex tinvesti fih.

Il-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentatur kellu esperjenza ta' investimenti qabel ghaliex kellu prodotti ohra qabel ma investa fl-*LMMPF,* u li minnhom kien hemm uhud li kienu kumplessi, però, jigi ammess li ma kienux fuq l-istess kumplessità u riskju.

Fil-fatt, in kontro-ezami, Lorraine Falzon, tixhed hekk:[17]

*"Jien rajt x'investimenti kellhom qabel is-Sinjuri QN u nghid li kellhom il-bond tal-GlobalCapital 5.6 2014-2016, li hu prodott ikklassifikat kumpless u kellu l-Corinthia Finance li kien ukoll kumpless u l-Bay Street Finance 8% li ma kienx kumpless.*

*Jekk humiex kumplessi daqs l-LM, nghid li m'humiex l-istess livell ta' kumplessità …."*

[16] Ibid 2.22
[17] A fol 382

**Jekk il-prodott kellux jinbiegh lill-Ilmentatur**

L-ilmentatur kellu 60 sena u rtirat mix-xoghol meta nbieghlu l-prodott. Il-livell ta' edukazzjoni tieghu kien sa l-Istitut Tekniku ta' Corradino sakemm kellu hmistax-il sena, filwaqt li l-esperjenza ta' xoghol (ghal fuq minn ghoxrin sena) kienet primarjament bhala *welder* mat-Tarzna. Hekk kif iddikjarat mill-ilmentatur fl-affidavit tal-15 ta' Novembru, 2016, l-Ingliz huwa wiehed batut (fol. 108). L-esperjenza tieghu f'investimenti ma kienetx vasta: b'numru medju ta' 6 sa 10 tranzazzjonijiet (primarjament *f'direct bonds* u *bond funds*, hekk kif indikat fit-tieni sezzjoni tal-*Client Profile*), u l-livell ta' kumplessità fl-investiment li ghamel fl-*LMMPF* ma kienetx wahda komparabbli ma' dik tal-investimenti li kien ghamel qabel, kif gie anki kkonfermat fil-kontro-ezami ta' Lorraine Falzon, kif digà msemmi aktar 'il fuq.

Hemm qbil mill-partijiet koncernati li l-prodott, fl-ahhar mill-ahhar, kien wiehed kumpless (fol. 382).

Ta' min wiehed isemmi wkoll numru ta' aspetti ohra, bhall-fatt li n-natura tal-assi li kien jinvesti fihom il-fond *LMMPF* ma kienux jirriflettu n-natura tal-investimenti l-ohra li kien ghamel qabel l-ilmentatur. Dan ma kienx fond regolat u kien hemm diversi limitazzjonjiet u kundizzjonijiet oneruzi biex il-fond seta' jinbiegh lil investituri Awstraljani. Barra minn hekk, is-settur li kien jinvesti fih il-fond kien wiehed partikolari b'riskji gholja, u li l-ilmentatur ma kienx espost ghalih qabel u, ghalhekk, li jqajjem dubju serju kemm il-fond u r-riskji assocjati mieghu seta' jinftiehmu sew mill-ilmentatur meta tikkonsidra l-isfond u c-cirkostanzi tieghu.

Wiehed irid iqis ukoll it-twissijiet li kienet ghamlet l-*MFSA* fic-cirkolari taghha datati 11 ta' Frar 2009 u 24 ta' Novembru 2009, dwar bejgh ta' strumenti finanzjarji kumplessi. Kien gie enfasizzat, fost ohrajn, l-importanza tal-esperjenza u t-taghrif tal-investitur u l-assessjar mill-kumpanija licenzjata biex tara li l-prodott ikun xieraq ghall-klijent.

Kien mistenni li tigi ezercitata min-naha tal-provditur tas-servizzi ta' investiment, certa kawtela u analizi izjed dettaljata u profonda fic-cirkostanzi, specifikament in konsiderazzjoni tal-karatteristici partikolari tal-prodott in kwistjoni biex jigi

determinat jekk il-prodott huwiex xieraq u adekwat ghall-klijent; izjed u izjed meta tqis il-livell ta' edukazzjoni u l-professjoni tal-klijent, in-natura u l-volum jew frekwenza tat-tranzazzjonijiet finanzjarji tieghu u tip ta' strumenti li l-investitur kien familjari ghalihom.

Barra minn hekk, il-prodott kien digà qed ikollu problemi ta' likwidità, u din giet injorata kompletament mill-provditur tas-servizz. Dan huwa nuqqas gravi u jgorr responsabbiltà kbira mieghu.

Il-provditur tas-servizz jghid li huwa mexa fuq l-informazzjoni li tah l-ilmentatur u hass li dan il-prodott kien addattat ghalih.

Ghar-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq, l-Arbitru ma jaqbilx ma' dan. Jghid ukoll li kien l-ilmentatur li ffirma t-*Transaction Order* u kien hu li ffirma l-istruzzjonijiet lill-*MFSP* biex taghmel din it-tranzazzjoni.[18] L-ilmentatur xehed li hu kien qaghad fuq il-pariri tal-provditur tas-servizz ghaliex hu ma kienx jifhem.

L-Arbitru jemmen li l-verzjoni li ta l-ilmentatur hija wahda aktar kredibbli ghax, anke fejn ma kienx jaqbillu, qal il-verità. Min-naha l-ohra, ix-xhieda ta' Lorraine Falzon hija inqas kredibbli ghax, kif digà gie spjegat, fiha diversi inkonsistenzi.

Hafna mid-dokumenti li ffirma l-ilmentatur huma fi *standard form* u, ghalkemm ma kienux projbiti li jintuzaw, il-provditur kellu oneru akbar meta uzahom: ghaliex kienu dokumenti ippreparati minn qabel, fejn poggew lill-ilmentatur f'qaghda negozjali nferjuri u, f'dan il-kuntest, il-principju ta' *pacta sunt servanda,* li qed iqajjem il-provditur tas-servizzi, ghandha l-limitazzjoni taghha.[19]

Il-provditur tas-servizz ukoll ha l-firma tal-ilmentatur ghad-Dikjarazzjoni ta' Investitur b'Esperjenza (*Experienced Investor Declaration Form*) u dan, hafna drabi, jsir biex il-provditur tas-servizz jiehu xi forma ta' ezoneru.

Izda d-Dikjarazzjoni ta' Investitur b'Esperjenza ffirmata mill-ilmentatur, li tixbah dikjarazzjoni applikabbli ghal Investituri b'Esperjenza taht ir-regim ta' Fondi Ghal Investituri Professjonali (*PIFs*) mahrug mill-*MFSA,* ma tidhirx li hija wahda li ghandha titqies sufficjenti fl-isfond iddettaljat hawn fuq biex taghmel l-investitur eligibbli jew jikkwalifika ghall-prodott in kwistjoni; jew li minnha nnifisha

[18] Ara nota responsiva p. 4
[19] Ara Raymond u Redenta Camilleri vs *Touring Mediterraneo Ltd.,* QA, 6/10/2010

taghmel il-prodott xieraq ghal min jiffirma din id-dikjarazzjoni, meta wiehed jiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni. Fost dawn il-fatturi hemm li:

a) ma gewx ipprovduti provi konvincenti bizzejjed li jikkonfermaw li l-ilmentatur, bhala investitur, ghandu esperjenza ragonevoli relevanti ghall-prodott in kwistjoni kif imsemmi fid-Dikjarazzjoni ta' Investitur b'Esperjenza;

b) id-Dikjarazzjoni ta' Investitur b'Esperjenza ffirmata mis-Sur QN hija wahda li tidher ibbazata fuq ir-regim ta' Fondi Ghal Investituri Professjonali (*PIFs*), regim li huwa mahrug mill-*MFSA* u applikabbli biss ghal fondi lokali strutturati u licenzjati specifikament hawn Malta. Peress li l-*LMMPF* mhuwiex fond illicenzjat hawn Malta, jew li jaqa' taht ir-regim tal-*PIFs*, l-*LMMPF* ma kienx prodott suggett ghall-istess kriterji, kundizzjonijiet u salvagwardji mfassla fil-qafas regolatorju applikabbli ghal fond immirat ghal investitur b'esperjenza taht ir-regim tal-*PIFs*;

c) il-kriterji msemmija fil-Prospett tal-*LMMPF* – fond stabbilit l-Awstralja – li jaghmlu investitur Awstraljan eligibbli li jaghmel investiment fil-fond huma hafna izjed oneruzi fir-rigward tal-profil tal-investitur.

Ghalhekk, lanqas l-*Experienced Investor Declaration Form* iffirmata mill-ilmentatur mhi ta' siwi ghad-difiza tal-provditur tas-servizz.

Il-provditur tas-servizz jghid li huwa kien offra zewg prodotti tal-*LM* u l-ilmentatur kien ghazel dak li kellu imghax gholi ta' 8%. Dan hu ammess mill-ilmentatur imma l-Arbitru, ghar-ragunijiet elaborati li spjega f'din id-decizjoni, hu tal-fehma li l-prodott *LMMPF* qatt ma kellu jigi offrut lill-ilmentatur.

Peress li, kif ser jinghad, jirrizulta li dan kien kaz ta' *misselling,* m'hemm xejn intempestiv fit-talbiet tal-ilmentatur ghax *misselling* jista' jsehh anke jekk il-prodott ma jgarrab l-ebda telf; min-naha l-ohra, jista'ma jkunx hemm *misselling* minkejja li prodott igarrab telf. Kollox jiddependi fuq kif ikun inghata s-servizz, il-parir moghti u l-bejgh tal-prodott mill-provditur tas-servizz, ikun xi jkun l-ezitu tieghu.

Ghar-ragunijiet moghtija, l-Arbitru hu tal-fehma li l-provditur tas-servizz ma agixxiex fl-ahjar interessi tal-klijent,[20] ma weriex dik id-diligenza kuntrattwali mehtiega meta m'ghamilx *due diligence* tajba tal-prodott u biegh prodott li ma kienx idoneju ghall-profil tar-riskju tal-klijent, u wisq anqas kien jilhaq l-aspirazzjonijiet tieghu.

Ghalhekk, l-ghoti tas-servizz ma kienx ekwu, gust u ragonevoli fic-cirkostanzi u merti sostantivi tal-kaz u ma kienx jilhaq l-aspettattivi tal-konsumatur; jammonta ghal *investment misselling,* u dan wassal ghat-telf finanzjarju li sofra l-ilmentatur.

Ghalhekk, l-Arbitru qed jichad l-eccezzjonijiet tal-provditur tas-servizz finanzjarju u jilqa' l-ilment sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni u, ai termini tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555, jordna lill-*MFSP Financial Management Limited* (C 427720) thallas lill-ilmentatur is-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000).

Peress li l-ilmentatur digà dahhal xi imghax fuq din is-somma, l-Arbitru mhux ser jakkorda imghax fuqha.

Kull rikavat li jista' jidhol minn dan l-investiment ghandu jiehdu l-provditur tas-servizz wara li jkun onora l-hlas moghti lill-ilmentatur permezz ta' din id-decizjoni.

Dr. Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji

[20] *ISR-SLC* 2.01